tal-Unjoni Ewropea jew li huma inklużi fil-Konvenzjoni Ewropea tal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (turiżmu tal-liċenzja tas-sewqan)?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 317.
(2) ĠU L 403, p. 18.

## Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża

**(Kawża C-470/10)**

(2010/C 328/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. França u I.V. Rogalski, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

### Talbiet

— tiddikjara li, billi żammet fis-seħħ rekwiżit ta' reġistrazzjoni u ta' akkreditazzjoni mill-awtoritajiet Portugiżi fir-rigward ta' kwalunkwe provvista temporanja ta' servizz minn aġenti ta' privattivi Komunitarji li diġà huma legalment stabbiliti fi Stat Membru ieħor u billi wettqet kontroll tal-kwalifiki professjonali tal-aġenti ta' privattivi Komunitarji li jiċċaqilqu fil-Portugal, anki fil-każ ta' provvista temporanja ta' servizz, ir-Repubblika Portugiża ma wettqitx l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 56 TFUE u l-Artikoli 5 sa 7 tad-Direttiva 2005/36/KE (1) dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali.

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-leġiżlazzjoni Portugiża inkwistjoni tipprekludi lill-aġenti ta' trade marks u ta' privattivi legalment stabbiliti fi Stat Membru ieħor milli jeżerċitaw l-attivitajiet ta' rappreżentanza tagħhom mal-Instituto Nacional da Propriedade Industrial (Istitut Nazzjonali tal-Proprjetà Industrijali, "INPI"), fil-Portugall, meta dawn jiċċaqilqu sabiex jipprovdu servizz lil klijenti li jinsabu fi Stat Membru ieħor, jekk ma jkunux preċedentement issottomettew ruħhom għal verifika tal-kwalifiki sabiex jiġu akkreditati jew rikonoxxuti minn dan l-istitut.

(1) ĠU L 255, p. 22

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Unabhängiger Verwaltungssenat Salzburg (l-Awstrija) fit-28 ta' Settembru 2010 — Martin Wohl u Ildiko Veres vs Magistrat der Stadt Salzburg, parti oħra: Finanzamt Salzburg-Stadt

**(Kawża C-471/10)**

(2010/C 328/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Unabhängiger Verwaltungssenat Salzburg

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Martin Wohl u Ildiko Veres

*Konvenut:* Magistrat der Stadt Salzburg

*Parti oħra:* Finanzamt Salzburg-Stadt

### Domanda preliminari

L-Anness X tal-lista msemmija fl-Artikolu 24 tal-Att għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Ungerija mal-Unjoni Ewropea (1. Moviment liberu tal-persuni) (1) għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ħaddiema mill-Ungerija lill-Awstrija ma għandux jitqies bħala kollokament ta' ħaddiema u li r-restrizzjonijiet nazzjonali fuq l-impjieg tal-ħaddiema Ungeriżi/Slovakki fl-Awstrija huma applikabbli wkoll fl-Awstrija għall-ħaddiema Ungeriżi/Slovakki mqiegħda għad-dispożizzjoni minn impriżi Ungeriżi (u impjegati b'mod legali minnhom)?

(1) ĠU 2003, L 236, p. 846.

## Rikors ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Ungerija

**(Kawża C-473/10)**

(2010/C 328/36)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Støvlbæk u B.D. Simon, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Ungerija

**Talbiet tar-rikorrenti**

Il-Kummissjoni titlob sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

(1) tiddikjara li r-Repubblika tal-Ungerija:

— naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(3), u taħt l-Anness II, tad-Direttiva 91/440/KEE kif emendata ([1]), u taħt l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2001/14/KE ([2]) sa fejn hija ma żguratax l-indipendenza mill-kumpanniji tal-ferroviji fl-indikazzjoni tal-mogħdiji għall-ferrovija,

— naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(3), u taħt l-Anness II, tad-Direttiva 91/440/KEE, kif emendata, u taħt l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/14/KE sa fejn hija ma żguratx l-indipendenza mill-kumpanniji tal-ferroviji fl-istabbiliment tat-tariffi,

— naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/14/KE sa fejn hija ma żguratx il-bilanċ finanzjarju tal-amministraturi tal-infrastruttura,

— naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2001/14/KE sa fejn hija ma tatx lill-amministraturi tal-infrastruttura inċentivi sabiex inaqqsu l-ispejjeż tal-provvista tal-infrastruttura u t-tariffi għall-użu tal-infrastruttura,

— naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2001/14/KE sa fejn hija ma żguratx li t-tariffi għall-pakkett ta' aċċess minimu u aċċess għall-binarju għal faċilitajiet tas-servizzi jiġu stabbiliti skont l-ispejjeż li jiġu inkorsi direttament bħala riżultat tal-operazzjoni tas-servizz tal-ferrovija,

— naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/14/KE sa fejn hija ma implementatx skema sabiex tinkoraġixxi lil impriżi tal-ferrovija u l-amministratur tal-infrastruttura jnaqqsu d-disturb u jtejbu l-ħidma tan-netwerk tal-ferrovija;

(2) tordna li r-Repubblika tal-Ungerija tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

L-għan tad-Direttiva 91/440/KEE u tad-Direttiva 2001/14/KE huwa li jiggarantixxu l-aċċess għall-infrastruttura tal-ferroviji għall-impriżi f'dan il-qasam taħt kundizzjonijiet ugwali u mingħajr diskriminazzjoni. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, l-imsemmija direttivi jipprovdu li l-korpi li jipprovdu servizzi ta' trasport ma jistgħux jieħdu deċiżjonijiet rigward l-indikazzjoni tal-mogħdiji għall-ferroviji u li korp indipendenti għandu jieħu ħsieb l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura. Jekk impriża tal-ferroviji tieħu ħsieb il-ġestjoni tat-traffiku, tikseb neċessarjament vantaġġ kompetittiv, għaliex, sabiex twettaq dawn il-kompiti ta' ġestjoni, għandu jkollha informazzjoni dettaljata dwar is-servizzi li jipprovdu l-impriżi tal-ferroviji, il-volum tagħhom u l-ħinijiet tagħhom.

Dan ir-rikors ġie mmotivat, fost l-oħrajn, mill-fatt li fl-Ungerija, bi ksur ta' dak li ġie stabbilit mid-direttivi msemmija, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ferroviji tinsab f'idejn korpi li jipprovdu servizzi ta' trasport bil-ferrovija.

Ma jistax jitqies li l-ġestjoni tat-traffiku hija attività ta' amministrazzjoni tal-infrastruttura li ma hijiex marbuta mal-indikazzjoni tal-mogħdiji għall-ferrovija jew mal-allokazzjoni tal-kapaċità, peress li min iwettaq dan neċessarjament jieħu sehem fil-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet rigward tali indikazzjoni jew allokazzjoni. Minn naħa, dak li jieħu ħsieb il-ġestjoni tat-traffiku għandu jkun informat bid-deċiżjonijiet ta' allokazzjoni tal-kapaċità sabiex ikun jista' jiżviluppa l-attività ta' ġestjoni tiegħu; min-naħa l-oħra, fil-każ ta' disturb fit-traffiku jew ta' emerġenza għandu jieħu l-miżuri li jirriżultaw neċessarji għall-istabbiliment mill-ġdid taċ-ċirkulazzjoni fit-termini stabbiliti, u dan jimplika neċessarjament allokazzjoni ġdida tal-kapaċità tan-netwerk u indikazzjoni ġdida tal-mogħdiji għall-ferrovija disponibbli.

Il-prinċipju tal-indipendenza tal-ġestjoni tat-traffiku huwa miskur sa fejn fl-Ungerija, l-impriżi tal-ferroviji joħorġu fatturi dettaljati dwar it-tariffi għall-użu tal-infrastrutturi. Peress li l-fatturi dettaljati jirreferu neċessarjament, fost l-oħrajn, għas-servizzi użati minn impriżi tal-ferroviji speċifiċi, kif ukoll għall-volum u għall-ħinijiet tagħhom, huma jagħtu vantaġġ kompetittiv lill-impriżi li joħorġuhom.

Barra min-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżit ta' indipendenza fl-indikazzjoni tal-mogħdiji għall-ferrovija, ir-Repubblika tal-Ungerija naqset ukoll milli twettaq l-obbligi li joħorġu mid-Direttivi 91/440 u 2001/14, sa fejn:

— ma stabbilietx r-rekwiżiti neċessarji sabiex tiżgura l-bilanċ finanzjarju tal-amministraturi tal-infrastrutturi;

— ma adottatx il-miżuri neċessarji sabiex tobbliga lill-amministraturi tal-infrastrutturi jnaqqsu t-tariffi ta' aċċess għan-netwerk u l-ispejjeż għall-ġestjoni;

— ma adottatx il-miżuri ta' eżekuzzjoni neċessarji sabiex tiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' spejjeż diretti fid-determinazzjoni tat-tariffi għall-aċċess permezz ta' stallazzjonijiet ta' servizz u, fl-aħħar nett,

— ma adottatx sistema ta' miżuri sabiex tagħti inċentiv lill-impriżi ta' ferroviji u lill-amministratur tal-infrastrutturi sabiex inaqqsu kemm jista' jkun id-disturbi u sabiex itejbu l-ħidma tan-netwerk tal-ferroviji.

(1) Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 341).
(2) Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 404).

## Appell ippreżentat fl-1 ta' Ottubru 2010 mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kontra d-digriet tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tal-14 ta' Lulju 2010 fil-Kawża T-571/08, Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kummissjoni Ewropea

**(Kawża C-475/10 P)**

(2010/C 328/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Appellanti:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze, J. Möller u N. Graf Vitzthum, aġenti)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tal-appellanti

— tirrevoka d-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Lulju 2010 fil-Kawża T-571/08, Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kummissjoni Ewropea;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Is-suġġett ta' dan l-appell huwa d-digriet tal-Qorti Ġenerali li permezz tiegħu din il-qorti, fil-kuntest ta' kwistjoni proċedurali, ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors tal-appellanti kontra l-ordni li tiġi pprovduta informazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni fit-30 ta' Ottubru 2008 fil-kuntest tal-proċedura dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija lil Deutsche Post AG (iktar 'il quddiem "DPAG").

Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ordnat lill-appellanti tikkomunika l-informazzjoni dwar l-ispejjeż kollha u dwar id-dħul kollu ta' DPAG fil-perijodu bejn l-1989 u l-2007 u dan minkejja li l-privatizzazzjoni ta' DPAG, li fil-kuntest tagħha essenzjalment sar il-ħlas tat-trasferiment ikkontestat, kienet diġà tlestiet fl-1994. Minflok ma ċċarat il-kwistjoni legali ta' liema perijodi ta' żmien kellhom attwalment jittieħdu inkunsiderazzjoni u mingħajr ma kkunsidrat l-oneru relatat mat-talba tagħha, il-Kummissjoni talbet inizjalment informazzjoni dwar id-dħul u l-ispejjeż ta' DPAG għall-perijodu kollu mill-privatizzazzjoni tagħha sal-preżent. B'dan l-approċċ il-Kummissjoni ħolqot oneru sproporzjonat għall-appellanti u għall-impriża kkonċernata.

Huwa neċessarju li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara jekk, bħala prinċipju, il-Kummissjoni tistax effettivament tobbliga b'mod arbitrarju lil Stat Membru, fil-kuntest ta' proċedura dwar għajnuna mill-Istat, sabiex jikkomunika informazzjoni mingħajr ma din l-ordni tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju dirett. Jekk l-evalwazzjoni legali tal-Qorti Ġenerali, jiġifieri li tali ordnijiet ma jistgħux jiġu kkontestati, tkun korretta, l-Istati Membri u l-impriżi kkonċernati jkollhom inizjalment jassumu f'kull każ oneru kunsiderevoli (anki mill-aspett finanzjarju) sabiex jikkonformaw ruħhom ma' tali ordnijiet, anki jekk fil-fehma tagħhom dawn ikunu illegali. Barra minn hekk, dan joħloq ir-riskju li jiġu żvelati sigrieti kummerċjali li jista' jkun il-każ li l-iżvelar tagħhom ma jkunx importanti għall-proċedura dwar għajnuna mill-Istat.

Id-digriet appellat tal-Qorti Ġenerali huwa legalment żbaljat minħabba diversi raġunijiet.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod legalment żbaljat il-kunċett ta' att li jista' jiġi kkontestat u ma mxietx mal-ġurisprudenza dwar dan is-suġġett meta eżaminat l-att ikkontestat "billi rreferiet għas-sustanza tiegħu". Fil-fatt, l-evalwazzjoni ta' att fid-dawl tal-effetti legali materjali tiegħu hija rilevanti biss meta ma jkunx hemm deċiżjoni li, minħabba n-natura legali tagħha, jkollha natura vinkolanti. Madankollu, peress li n-natura vinkolanti tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 659/1999, tirriżulta diġà min-natura legali tagħha, ma kienx hemm lok li jiġi mistħarreġ jekk ir-rieda tal-awtur tal-att kinitx li dan l-att effettivament ikollu effetti legali għall-appellanti.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tan-natura provviżorja tal-ordni li tiġi pprovduta informazzjoni meta kkonkludiet b'mod żbaljat, filwaqt li rreferiet għall-ġurisprudenza dwar l-ammissibbiltà ta' rikors kontra l-ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni taħt id-dritt tal-kompetizzjoni, li n-natura definittiva tad-deċiżjoni hija wkoll determinanti għall-ammissibbiltà tar-rikors kontra ordni li tiġi pprovduta informazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni, ordni li hija inkwistjoni f'din il-kawża.

It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali evalwat b'mod legalment żbaljat l-effetti legali tal-ordni li tiġi pprovduta informazzjoni minħabba li injorat il-fatt li att jipproduċi effetti legali vinkolanti meta jolqot l-interessi tad-destinatarju tiegħu billi jibdel is-sitwazzjoni